MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' 21 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 433/1999/1

**Maltacom PLC**

**vs**

**Rita Borg**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici (li b'att tal-Parlament qieghda tissosostitwixxi dik li qabel kienet maghrufa bhala l-Korporazzjoni Telemalta) ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erba mija u disa u ghoxrin liri Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm429.38), liema ammont huwa dovut lis-socjeta attrici in konnessjoni man-numru tat-telephone 437589 (skond kif jirrizulta mid-dokument A anness mal-avviz) liema servizz gie nstallat mill-Korporazzjoni Telemalta gol-fond "Annie" Triq l-Minfah, Naxxar, skond ma kif jirrizulta mis-"service agreement" anness mal-avviz Dokument B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali datata 16 ta' Frar 1998, u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi a fol 2 u fol 3 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fit-8 ta' Ottubru 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. (ara ukoll fol 23 tal-atti).

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm429.38,0 bl-imghaxijiet legali mis-16 ta' Frar 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Frar 1998.

Rachel Mercieca
Deputat Registratur